MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2013

Numru. 697/2007

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Raymond D’Anastas)**

**vs**

**JOSEPH MIZZI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Joseph Mizzi ta’ 51 sena bin Saviour u Michelina nata Zammit imwieled Ghasri fit-28 ta’ Gunju 1956 u residenti 98, Triq Il-Gradilja, Attard detentur ta’ ID card numru: 38256G;

Gie akkuzat talli fl 1 ta’ Lulju 2005 fl-Imriehel limiti ta’ Hal-Qormi b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti kkaguna feriti gravi fuq il-persuna tal-Perit

Konrad Bezzina liema feriti gabu jew setghu gabu il-konsegwenzi msemmijjin fl-artikolu 218 tal-Kap 9;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkustanzi u/jew ukoll fi zminijiet ta’ qabel din id-data, bhala bniedem li jhaddem kellu d-dmir li jizgura is-sahha u s-sigurta tal-persuni kollha li setghu gew affetwati bix-xoghol li kien qieghed isir ghalih. (Sec 6 (12) Act 27/2000 Chapter 424).

U aktar talli fl-istess cirkustanzi kellu d-dmir li jizgura is-sahha tal-haddiema f’kull zmien u f’kull aspett li kellu x’jaqsam max-xoghol. (Sec 4 (1) LN 36/03)

U aktar hu kellu wara li jikkunsidra n-natura tal-attivitajiet tal-impriza u jew tal-istabbiliment;
(1) jidentifika ‘l-perikli fuq il-post tax-xoghol u kellu jevita ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta;
(2) jevalwa dawk ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta tal-haddiema li ma setghux jigu evitati u kellu jkun hemm kontroll mill bidu u
(3) kellu jadatta x-xoghol ghall-individwu, specjalment fejn jidhol id-disinn tal-post tax-xoghol, l-ghazla tat-taghmir tax-xoghol u l-ghazla tal-metodi tax-xoghol u tal-produzzjoni, bil-hsieb partikolarment li jitnaqqas ix-xoghol monotonu u xoghol b’rata determinate minn qabel u li jitnaqqas l-effet taghhom minn qabel. (Sec 5 (1) (i) (ii) (iii) LN 36/03)

u fl-ahhar talli fl-istess data u cirkustanzi u/jew fi zminijiet ta’ qabel bhala bniedem li jhaddem kellu jwaqqaf u jaghti effett lill proceduri xierqa li kellhom jigu segwiti fil-kaz ta’ periklu serju u imminenti, u ghall-dan il-ghan kellu jinnomina numru bizzejjed ta’ kellu jinnomina numru bizzejjed ta’ persuni kompetenti sabiexd jimplimentaw dawk il-proceduri li kellhom jigu segwiti meta c-cirkustanzi jew is-sitwazzjoni jkunu jirrikjedu l-avakwazzjoni ta’ persuni mill-post tax-xoghol, u aktar talli mill aktar fis possibli jinforma lill haddiema kollha li huma, jew li setghu kienu esposti ghall-periklu serju u imminenti, bir-riskju involut, u tal-passi li ttiehdu jew li kellhom jittiehdu fir-rigward ta’ protezzjoni kif ukoll kellu jiehu azzjoni u jaghti struzzjonijiet, sabiex haddiema kienu setghu, fil-kaz ta’

periklu serju u imminenti, biex jieqfu mix-xoghol u jew biex immedjatament jitilqu mill post tax-xoghol u jmorru f'post sigur. (Sec 11 (ii) (a) (b).

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. RA3 u nnutat li l-imputat Joseph Mizzi ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni finali mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Issa l-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Joseph Bonnici li fis-Seduta tal-4 ta' Frar, 2008, qal:

"Nghid illi fl-1 ta' Lulju 2005 jien kont qieghed xoghol. Kont qieghed xoghol l-Imriehel li huwa limiti ta' Hal Qormi. Jiena kont cempilt lill-Perit Philip Mifsud l-ufficju, peress illi ahna kellna xi diffikulta', split level in-naha ta' fuq precizament fis-saqaf ta' fuq illi jigi l-ahhar saqaf u dana biex il-perit jigi fuq il-post. Il-perit ma giex, jiena mbaghad mort l-ufficju tal-Perit li huwa Haz Zebbug, jiena dana sehh fis-sehh fis-sens li kont cempilt lill-Perit, dan ma giex u anke mort imbaghad l-ufficju tieghu xi jum, gurnata jew tnejn qabel l-Imnarja u mbaghad nghid li l-appuntament li kien tani l-perit kien ghall-jum ta' qabel l-1 ta' Lulju 2005. L-appuntament kien li l-perit kellu jigi fuq il-post, pero' nghid li dak in-nhar li kienet il-gurnata tal-Hamis il-Perit baqa' ma giex. Nghid illi mbaghad fl-1 ta' Lulju 2005 jiena flimkien ma' Joe li jigi r-ragel tat-tifla u precizament Joe Sammut, konna qeghdin innadfu, jiena smajt hoss, u jiena staqsejt lil Joe Sammut jekk kienx waqqa xi bicca gebla, jiena harist lura u lil Joe ma rajtux. Jien f' qalbi ghidt x'gara. Jiena nzilt nigri sular, jiena ttawwalt fejn kien hemm il-plastic u rajt toqba. Dan il-plastic kien jaqsa minn naha ghal ohra ta' minn lift ghal iehor u dan kien qieghed immejjel. Jiena nnutajt toqba fil-plastic, harist l' isfel u rajt bniedem u jiena nzilt isfel u jiena rajt lil Joe Sammut tiela, ghidtlu mela hallejt il-bieb miftuh ghax waqqghalna bniedem u hu rrispondieni, mela l-Perit qalli ghaliex, u dan

qalli ghax kien saffarlu u kien maf jinzel jiftahlu. Ahna mbaghad ftahna l-bieb u bdejna nghajtu ghall-ghajjut biex icemplu ghall-ambulanza.

Nghid illi ahna l-bieb tal-hadid dejjem konna nhalluh maghluq u bil-firroll u nghid illi sakemm Joe, biex dan Joe jitla’ ghal fuq ix-xoghol, jiena smajt dak il-hin hoss, bhal xi haga waqghet gol-plastic. Nghid illi l-plastic konna sibnieh hemm, nghid illi jiena ma nafx x’ kien hemm l-iskop ta’ dan il-plastic, naf illi dana l-plastic ahna sibnieh hemmhekk. Nghid illi ahna konna qeghdin nahdmu ghas-sid tal-post Joe Mizzi li qed ngharfu hawn prezenti fl-awla, ngharfu hawn bhala l-imputat prezenti fl-awla.

Jiena x-xoghol li kont imqabbad mill-imputat kien xoghol ta’ gebel, xoghol ta’ konkos u affarijiet li jidhlu max-xoghol ta’ kostruzzjoni. In kwantu ghax-xoghol fuq il-post li sar ta’ kostruzzjoni, dana l-agreement kien sar mieghi. Nixtieq nghid illi fil-parti t’ isfel ta’ dan il-bini kienu saru alterazzjonijiet ta’ lift pero’ dak ma kontx ghamilthom jiena. Nghid illi jiena meta mort nahdem f’ dana l-post dak il-plastic kien diga hemm, nghid illi jiena kont ilni li bdejt nahdem fuq il-post bejn wiehed u iehor xi xahrejn qabel l-1 ta’ Lulju 2005.”

Issa l-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta’ Joseph Sammut li fis-Seduta tad-9 ta’ Mejju, 2008, qal:

“Nghid illi fl-1 ta’ Lulju 2005 jien kont qieghed nahdem fl-Imriehel limiti ta’ Hal-Qormi. Jien kont qieghed ma’ missier il-mara li jismu Joseph Bonnici. Jien kont qieghed fuq il-bejt ta’ kostruzzjoni smajt lil xi hadd jghajjatli u dana ghal habta ta’ xi l-ghaxra u nofs, l-hdax ta’ filghodu. Jiena mbaghad smajt xi hadd jghajjatli, ittawwalt u nnutajt illi kien hemm il-Perit, li kien il-Perit inkarigat mix-xoghol. Il-Perit naf li jismu Conrad. Jiena nzilt niftahlu. X’ hin ftahtlu dan qalli li hu dakinhar kien mghaggel u ma setax iduma hafna. Il-perit tela’ jigri it-tarag u sa x’ hin jiena ghalaqt il-bieb u bdejt tiela’ t-tarag smajt lil missier il-mara jghajjat “*mela hallejt il-bieb miftuh*”. Saqsejtu x’ kien gara u dana rrispondieni ghax kien tela’ xi hadd u waqa’. Ghidtlu mela kien il-perit ghaliex jiena lil Perit kont mort niftahlu.

Jiena mbaghad tlajt nigri. Missier il-mara qalli ara x'gara. Jiena ttawwalt u rajt lil perit qieghed mixhut ma' l-art. Nghid illi missier il-mara kien ilu hafna drabi jitlob lil Perit biex jigi u jitolbu ghal appuntament. U dakinhar il-Perit kien gie u kien mghaggel. Missier il-mara meta qalli jekk hallejtx il-bieb miftuh jew maghluq, kien qed jirreferi ghal bieb t' isfel. Dana fis-sens li ahna l-bieb ta' l-entratura dejjem inzommuh maghluq biex ma jkun jista' jitla' hadd. Il-Perit kien waqa' mit-toqba tal-lift, liema toqba kienet imsaqqfa. U kienet imsaqqfa bis-serattizzi, plastik u njam. U nghid illi l-Perit minn dak li stajt nikkonstata jien, certament waqa' minn fejn din il-parti li kien hemm imsaqqfa bl-injam u bil-plastik, ghaliex kien hemm toqba fejn qabel kien hemm dana l-injam u dana l-plastik.

Fis-sens illi bil-waqa' tieghu l-Perit ikkaguna dina t-toqba. Pero' nghid, dan nixtieq nippreciza li qabel kien hemm it-toqba, pero' kienet imsaqqfa bl-injam u bil-plastik. Jiena cert illi kien hemm l-injam fuq dina t-toqba. Qed nigi muri ritratti illi jinsabu a fol 40 tal-process verbal redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr Laurence Quintano, liema process verbal huwa esebit bhala dok RB 1. U qieghed nigi muri precizament ir-ritratti 05CCS110, 05CCS108, 05CCS105 u 05CCS104 u b' referenza ghal ritratti 05CCS104 u 05CCS105 nghid it-toqba li hemm fl-art hija t-toqba li minnha kien waqa' l-perit Conrad.

Nghid illi b' referenza wkoll ghal dawn iz-zewg ritratti fejn semmejt l-injam fid-deposizzjoni tieghi llum, dawn l-injam jidhru wkoll f' dawn iz-zewg ritratti, kont qed nirreferi ghal dawn l-injam. In kwantu min kien ghamel din it-toqba kif kien sar, min kien saqqafha nghid li ma kontx jiena u nghid li fil-fatt meta morna hemmhekk biex naghmlu x-xoghol, kienet diga' qeghda hekk. nghid illi bhala stat ta' fatt meta wiehed ikun tela' t-tarag kif wiehed idur, b' mod facli jinduna dan il-plastik u l-injam li kien hemm ma' l-art."

L-istess xhud fl-istess Seduta in kontro ezami qal:

"Nghid il-bieb ta' barra li jiena ftaht biex jidhol il-Perit kien ikun mizmum maghluq, bic-cavetta b' serratura minn

gewwa. Meta sehh l-incident li dwaru xehedt illum, ahna konna ilna nahdmu f’ dana l-post xi madwar xahrejn u anke jista’ jkun naqra izjed. Nixtieq nghid illi fix-xahrejn li konna ilna hemmhekk, il-perit Conrad kien gieli gie fuq il-post.”

Issa l-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta’ Dr. Jonathan Joslin li fis-Seduta tat-28 ta’ Lulju, 2008, qal:

“Nghid illi fl-ewwel (1) ta’ Lulju tas-sena elfejn u hamsa (2005) ghall-habta ta’ l-ghaxra u nofs (10.30) ta’ fil-ghodu jiena kont qieghed duty fid-dipartiment ta’ l-emergenza ta’ l-isptar San Luqa meta ddahal certu Conrad Bezzina u din il-persuna gejt infurmat li allegatament kien waqa’ minn xi zewg (2) sulari. Nghid illi dana bhala injuries kellu bazikament injuries gewwa r-ras, kell ksur specjalment fis-sinuses u wkoll fl-orbit ta’ l-ghajnejn. Kellu wkoll ksur tal-polz tax-xellug u kellu wkoll ksur tal-left hip. Nghid dwar dawna t-tip ta’ griehi kienu ta’ natura gravi.

Qed nesebixxi vera kopja tac-certifikat mediku minni rilaxxat li qed jigi esebit u mmarkat bhala Dok. JMD 1. Nghid fil-fazi inizjali ta’ meta ddahhal l-isptar dan il-pazjent, hu kien qieghed fil-periklu tal-mewt minhabba l-griehi li kellu f’rasu. Dan, meta jkun hemm dawn it-tip ta’ griehi, normalment dejjem tkun il-fazi inizjali ta’ sakemm persuna tkun giet admitted u tibda’ tircievi t-treatment. Hekk gara wkoll rigwardant dan il-kaz. Meta wiehed jezamina n-natura tal-griehi li soffra l-imsemmi pazjent, u nghid li kien hemm allura ksur tal-long bones kemm fl-idejn u kif ukoll fis-saqajn. Tenut kont ukoll it-tip ta’ griehi li kien hemm fir-ras, dan huwa kollu kompatibbli ma’ waqa’ minn gholi.

Nghid jiena mid-dipartiment tal-emergenza l-imsemmi pazjent bghattu l-ITU. Wara dan il-pazjent qatt ma rajtu iktar.”

Issa l-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta’ Conrad Bezzina li fis-Seduta tal-20 ta’ April, 2010, qal:

“Nghid fid-data tal-1 ta’ Lulju tas-sena 2005 jien kont qieghed fuq sit l-Imriehel. Nghid illi jiena dak iz-zmien kont impjegat ma’ Perit iehor u kelli l-mansjoni li kont inkarigat mix-xoghol li kien qed isir fuq il-lok. Jiena pprakjajt il-vettura tieghu, habbat il-bieb. Il-bieb kien maghluq u nizlu biex jifthuli. Nghid jiena tlajt it-tarag pero’ mbaghad nghid illi jiena ma nafx x’ kien gara u kienu rrakuntawli xi 3 gimghat wara x’kien grali. Jiena spiccajt rikoverat l-isptar. Jiena kelli ksur f’’sieqi x-xellugija, ksur f’idi x-xellugija u xi ksur minuri fl-ghadam tal-wicc. Nghid illi niftakar kien illi jien kont habbat il-bieb, illi wasalt fuq il-post, u mbaghad kif tlajt it-tarag minn hemm ‘il quddiem ma niftakar xejn. Nghid lili hija kien qalli illi meta kienu marra biex jigbru l-karozza tieghi sabu li kienet bil-hazard on u dan kien jindika illi jiena kelli naghmel xi haga ta’ malajr. Li naf huwa li kienu gew ikellmuni l-isptar pero’ jiena kont dak iz-zmien f’ perjodu kwazi f’ nofs sensija u ghaldaqstant ma niftakarx min kienu gew u x’ qaluli.

Nghid jiena certament 30 gurnata ghamilthom l-isptar. Nixtieq nghid illi jiena barra l-ksur kont weggajt rasi u ghalhekk kien hemm perjodi li jiena l-affarijijet ma kontx qed niftakarhom sew.”

L-istess xhud fl-istess Seduta in kontro ezami qal:

“Nghid illi in kwantu ghal domanda li qeghda ssirli mid-Difiza jekk jiena soffrejtx xi sfregju permanenti fil-wicc, fl-ghonq jew f’idejja nghid illi le. Nghid illi jiena ghandi xi pinnijiet u plates f’ saqajha allura dawna nghid permanenti. Nghid pero’ dawn m’ humiex qeghdin jaffetwawni fis-sens illi jiena anke nipprattika sports u football. Nghid illi kelli perjodu fejn jiena kagun ta’ dana l-incident kelli mood swings pero’ nghid dawn issa spiccaw.”

Issa l-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta’ Joseph Bonnici li fis-Seduta tal-21 ta’ Frar, 2011, qal:

“Nghid in kwantu ghal akkadut li sehh fl-1 ta’ Lulju 2005 jien kont qieghed fis-sular ta’ fuq. Nghid illi dan il-bini kien jikkonsisti fi ground floor u mbaghad kien hemm sular

minn fejn waqa' l-Perit u mbaghad kien hemm sular iehor fejn jiena kont qieghed fuq dan is-sular ta' fuq. Nghid illi biex wiehed jaccedi ghas-sular minn fejn waqa' l-Perit hemm tromba ta' tarag. Wiehed imbaghad biex jaccedi ghas-sular fejn wegga' l-Perit irid johrog minn go din it-tromba, timxi ghal gewwa l-istore. Kien hemm 3 ringieli madum maqlughin u dana fl-istore. Wiehed irid jew jaqbizhom dawn it-tliet fillieri ta' madum nieqes jew inkella jimxi fuq l-art fejn m' hemmx il-madum. Imbaghad wiehed irid jaccedi ghal quddiem il-bieb tal-lift. Nghid illi s–sular tal-Imhazen m' humiex livell ta' xulxin u ghalhekk il-lifts ukoll m' humiex qeghdin livell ma' xulxin u konsegwentement il-plastic kien mill-livell tal-ewwel ta' fuq ghal livell tal-lift t' isfel. Nixtieq nippreciza li jien kont ghamilt appuntament mal-Perit fil-gurnata ta' qabel pero' dan ma kienx gie. U dakinhar allura tal-1 ta' Lulju 2005 konna qeghdin nistennew lil tal-Crane. Jiena u l-ohrajn konna qeghdin innadfu.

Fil-fatt konna jiena u r-ragel tat-tifla konna qed inaddfu. Jiena smajt hoss gol-plastic. Jiena ghidt lir-ragel tat-tifla jekk kienx waqqa' xi gebla. Jiena harist lura u r-ragel tat-tifla ma rajtux. Jiena ssuspettajt li gara xi haga, inzilt sular. Mort fil-bokkatura tal-lift u rajt toqba gewwa l-plastic, ittawwalt u rajt ragel isfel mal-art. Jiena inzilt nigri isfel u jiena nzilt isfel, sibt lir-ragel tat-tifla u ghidtlu Joe mela hallejt il-bieb miftuh ghax waqa' ragel ghal isfel. U dana qalli mela l-Perit ghax inzilt niftahlu, saffarli. Nghid dana sehh f' affari ta' ftit hin. Jiena niftakar li l-karozza tal-Perit kienet ghadha startjata. Il-perit kien gie f' dan il-fond kemm –il darba qabel. qieghed nipprezenta dokument li qed jigi esebit u mmarkat bhala dok BJB 1 nghid li qieghed naghraf il-firma tieghi fuq dana d-dokument. Dan huwa kuntratt li jien ghamilt ma' Philip Mifsud. Dan huwa l-Perit Philip Mifsud.

Nixtieq pero' nispjega li l-ftehim li huwa datat 24 ta' Mejju 2005 kien bejn Joe Mizzi u jiena. Nghid illi skond dan il-ftehim jiena kont intrabat dwar is-sigurta' fis-sit fis-sens li nassigura s-sigurta' fis-sit. Inzid nghid ukoll illi daka l-plastik li minnu waqa' l-perit dana kien qieghed hemmhekk qabel ma jiena bdejt ix-xoghol fuq il-fond.

Waqt li kont qed naghmel ix-xoghol fis-sit l-imputat Mizzi gie xi darba jew darbtejn fuq is-sit tax-xoghol. Nghid illi ahna konna waqt li nkunu qeghdin nahdmu il-bieb t' isfel naghlquh bil-firroll. Din kienet mizura li ahna konna hadna bhala sigurta' fuq is-sit. Nghid l-imputat kien jghidilna biex ahna naghlqu bil-firroll fis-sit ai fini ta' sigurta'.

Nghid fil-bibien tal-lift ahna konna nwahhlu l-injam biex bniedem ma jaqax ghal isfel. Nghid illi dina l-plastik li kien hemm biex imbaghad il-Perit spicca biex waqa' minnha dina kienet qeghda maghmula b' mod sliding li persuna bilfors meta jigi quddiemha jinduna biha. Nghid fis-sular fejn kien hemm dana l-plastik minn fejn waqa' l-Perit ahna ma konniex ghadna ghamilna xoghol fuqu. Jiena ma hassejtx li din il-plastik kif kienet imwahhla kienet b' xi mod ta' periklu. Dakinhar il-Perit ma kellux ghalfejn jaccedi fejn kien hemm il-plastik ghax hu kellu jitla' fis-sular ta' fuq fejn konna qeghdin ahna."

L-istess xhud fl-istess Seduta in ri ezami qal:

"Nghid illi minn fejn waqa' l-Perit ahna ma konna ghamilna l-ebda xoghol. Nghid meta ahna dhalna biex nibdew ix-xoghol f' dana s-sit is-sular li minnu waqa' l-Perit dak kien diga' lest. Nghid illi jiena in kwantu ghal kuntratt li esebejt kopja tieghu llum ir-responsabbilita tieghi ghas-sigurta' fis-sit kienet ghax-xoghol li kont behsiebni naghmel jien. Jiena hekk fhimtu."

L-istess xhud fl-istess Seduta in ri kontro ezami qal:

"Nghdi is-saqaf illi tahtu hemm is-sular f' liema sular kien waqa' l-Perit daka ma konniex saqqafnih ahna. Nixtieq nghid illi ahna bnejna in kwantu ghas-sular fejn waqa' l-Perit ahna li bnejna kien in-naha l-ohra ta' dak is-sular u dan ahna bnejna l-Mahzen li kien in0naha l-ohra tas-sular li minnu waqa' l-Perit. Nghid jiena u l-imputat qatt ma tkellimna fuq l-ezistenza ta' dana l-plastik li minnu spicca biex waqa' l-Perit."

Issa l-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta'
Joseph Mizzi li fis-Seduta tal-20 ta' Gunju, 2011, qal:

“Nghid jiena fin-negozju u precizament rigwardanti n-negozju ta’ l-ghamara. Nghid jiena in kwantu ghan-negozju tal-bini jien qatt ma bnejt hlief id-dar tieghi u nghid in kwantu ghal dak li jirrigwardja l-kaz odjetn jiena kelli bzonn storage space u ghalhekk konsegwentament xtrajt zewg garaxxijiet u ridt intella sular fuqhom, dana gewwa l-imriehel. Gahldaqstant jiena sibt bennej habib tieghi li seta’ jaqdini cioe lil Jospeh Bonnici, l-bennej accetta u jien ukoll qabbadt lil Perit Mifsud li dan ukoll accetta l-inkarigu. Nghid ghalija kien ovvju li wiehed ma jistax itella sular bini minghajr ma jkun hemm is-sorveljanza ta’ Perit, Arkitett.

Qieghed nigi muri d-dokument BJB 1 li jinsab minn fol sitta u hamsin (56) sa fol sittin (60) tal-Process nghid illi jiena qeighed naghraf il-firma tieghi fuq kull faccata ta’ dan id-dokument. In kwantu l-ftehim li kelli mal-kuntrattur u mal-Perit rigwardanti s-sigurta fuq ix-xoghol dwar dina l-kostruzzjoni partikulari li semmejt, stante li jiena ma kelli l-ebda esperjenza f’dan il-qasam irrangajt flimkien mal-Perit u l-bennej biex niltaqghu flimkien, nifthemu fuq il-prezzijiet, nixtieq nghid wiehed mill-iktar fatturi li saret enfasi fuqha u dana wkoll anke l-Perit Mifsud ghamel enfasi fuq dan il-punt kienet dwar is-sigurta waqt il-bini ta’ dana il-kostruzzjoni.

Nixtieq nghid illi r-responsabilta tas-sigurta hadha kollha l-bennej ghaliex hu biss kien sejjer juzaha l-aprti ta’ fuq li kellu jigi mibni, fil-fatt cavetta tal-font kelli jiena biss u l-bennej u ma seta’ jidhol hadd. Nghid illi l-Perit Mifsud lanqas kellu cavetta. Nghid illi fid-data ta’ l-incident mertu ta’ din il-kawza precizament fl-ewwel (1) ta’ Lulju elfejn u hamsa (2005)jiena kont okkupat bin-negozju tieghi gewwa H’Attard ircivejt telefonata biex jiena mmur malajr fuq il-post tal-kostruzzjoni ghax kien wegga Perit. Jiena mort u meta lili qaluli l-istorja ta’ x’sehh ntlift minn sensija ghax jiena m’inhiex tajjeb ghal dawn l-affarijiet. Nghid illi jiena sincerament lanqas niftakar li qatt kont tlajt fuq il-parti ta’fuq ta’din il-kostruzzjoni, nghid pero’ ghaz-zona fejn gejt infurmat kien waqa’ minnha l-Perit jiena qabelkont rajtha pero’ kont ilni hafna li rajtha zgur u nimmagina kien ilu xi

hames (5) jew sitt (6) xhur qabel l-akkadut illi jiena kont rajt minn fejn kont gejt infurmat li waqa' l-Perit. Nghid jiena kont rajt din il-parti tal-kostruzzjoni minn fejn waqa' l-Perit nghid jiena meta kont rajtha sincerament ma ssuspettajtx li seta' jigri xi haga ghax kieku zgur kont nagixxi. Nighid dina l-parti minn fejn kien waqa' l-Perit nghid illi l-Perit assolutament ma kellux ghalfejn imur hemm hekk ghaliex din ma kien ser isir l-ebda xoghol fiha. Fil-fatt dik il-parti minn fejn kien waqa' l-Perit kienet diga lesta kompletament qabel ma beda x-xoghol.

Irrid nghid li fil-fatt kien hemm hofra li biex tidhol ghal din il-parti minn fejn waqa' l-Perit trid taghmel pass imbaghad tinzel toqba ta' zewg piedi biex imbaghad tmurfuq il-post minn fejn waqa'l-Perit. In kwantu mbaghad in-nahha l-ohra u allura fuq in-nahha tax-xellug dik allura hemm hekk iz-zona ta' fejn kien qieghed isir ix-xoghol. Nixtieq nghid illi l-parti fejn waqa' l-Perit hemm hekk ma kien ser isir l-ebda xoghol. In kwantu ghat-toqba li waqa' minnha l-Perit dika kienet sejra tintuza ghal-lift u fil-fatt illum saret lift. Nixtieq nghid li jiena lil Perit li kien korra kont ta' spiss immur narah l-isptar u fil-fatt ahna hbieb kbar u ta' spiss anke nohrogu flimkien.

Irrid nzid nghid ukoll li dan il-Perit li kien korra ma kienx l-istess Perit li kont qabbadt jiena, jiena qabbadt kont lil Perit Mifsud u dana kien gie mqabbad mill-Perit Mifsud biex jassistih. Illum dana l-Perit li kien korra jahdem ghal rasu u ghadu n-negozju tieghu."

Issa l-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni tal-Perit Arkitett Philip Mifsud li fis-Seduta tal-20 ta' Gunju, 2011, qal:

"Nghid illi l-imputat Joseph Mizzi prezenti fl-Awla qieghed naghrfu. Jiena din il-persuna nafu wkoll bhala klient tieghi. Nixtieq nghid in kwantu ghal xoghol ta' kostruzzjoni li kellu jsir fi propjeta ta' l-imputat gewwa l-Imriehel l-imputat Mizzi kien kellem lili fuq dana ix-xoghol. Nghid imma peress li jiena mmexxi kumpanija ta' Periti jiena mbaghad kif il-prassi li nimxi bija jien, jiena nassenja Perit partikulari l-inkarigu li jkun gie fdat lili. In kwanti ghal dan l-inkarigu

partikulari jiena kont assenjajt lil Perit, Arkitett Conrad Bezzina l-inkarigi rigwardanti din il-kostruzzjoni. Naf illi mbaghad il-Perit Conrad Bezzina fl-ewwel (1) ta' Lulju elfejn u hamsa (2005) kien korra gravament waqt waqa' go din il-kostruzzjoni. Nghid lili l-imputat meta kien gie jkellimni l-ewwel darba kien inkarigani biex issir l-applikazzjoni, sussegwentement hu kien infurmani illi huwa xtar illi l-bennej li jaghmel ix-xoghol ikun wiehed Joseph. Naf li kienet saret laqgha preliminari bejni u bejn l-imputat u dan il-bennej Joseph.

Nixtieq nghid li kif inhi l-parassi li naddottaw ahan bhala procedur l-ufficcju tal-Periti tieghi nghid illi issir laqgha preliminari li fija jkun prezenti l-Perit, il-klient kif ukoll il-bennej u jigu diskussi certu punti bhal spejjes kif ukoll kwistjonijiet rigwardanti s-sigurta u mbaghad jigi ffirmat agreement. Qieghed nigi muri dokument Dok. GBG 1 li jindab minn fol sitta u hamsin (56) sa fol sittin (60) tal-Process, nghid illi jiena qieghed naghraf il-firma tieghi fuq kull faccata ta' dana d-dokument. Nghid illi fil-prezenza tieghi jiena kont rajt il-kuntrattur Joseph Bonnici jiffirma dan il-ftehim kif ukoll rajt lill-imputat Mizzi jiffirma dan il-ftehim. Qieghed naghmel referenza ghal klawsola numru tnax (12) ta' dan id-dokumetn li ghadni kemm ghamitl referenz ghalih fejn il-kuntrattu fost affarijiet ohra ried ukoll jassigura s-sigurta fuq is-sit. Nixtieq nghid bit-terminu sigurta uzata f'dan il-ftehim jiena fil-fhema tieghi u din kienet l-intenzjoni illi tintuza l-kelma sigurta hija l-ewwel illi jkun hemm sigurta ghal istess kuntrattur u ghall-impjegati li jkunu qeghdin jahdmu fuq il-lant tax-xoghol, sigurta ghal min jista jidhol fuq il-post tal-kostruzzjoni kif ukoll sigurta fis-sens illi ma jkunx hemm permess ta' dhul ta' persuni li ma jkunux awtorizzati. Nghid li hija prassi normali taghna illi qabel ma jkun iffirmat il-ftehim ahna nispjegaw il-kontentu b'mod iktar wiesgha tal-kundizzjonijiet li jkun hemm fil-ftehim.

Nghid li ma nistax inkun mija fil-mija (100%) cert illighamilt hekk f'dan il-kaz pero'nghid li hija l-prassi normali illi ahna hekk naghmlu, fil-fatt hafna drabi f'din il-laqgha qabel l-iffirmar tal-ftehim ikun hemm hafna domandi mill-partijiet li ahna nwiegbu."

F'dan l-istadju l-Qorti sejra ticcita brani saljenti mid-deposizzjonijiet ta' xi xhieda.

Issir referenza ghall-brani mid-deposizzjoni ta' Joseph Bonnici li fis-Seduta tal-21 ta' Frar, 2011, inter alia, qal:

"Nghid illi ahna konna waqt li nkunu qeghdin nahdmu il-bieb t' isfel naghlquh bil-firroll. Din kienet mizura li ahna konna hadna bhala sigurta' fuq is-sit. Nghid l-imputat kien jghidilna biex ahna naghlqu bil-firroll fis-sit ai fini ta' sigurta'.

Nghid fil-bibien tal-lift ahna konna nwahhlu l-injam biex bniedem ma jaqax ghal isfel. Nghid illi dina l-plastik li kien hemm biex imbaghad il-Perit spicca biex waqa' minnha dina kienet qeghda maghmula b' mod sliding li persuna bilfors meta jigi quddiemha jinduna biha." "..........." "Jiena ma hassejtx li din il-plastik kif kienet imwahhla kienet b' xi mod ta' periklu. Dakinhar il-Perit ma kellux ghalfejn jaccedi fejn kien hemm il-plastik ghax hu kellu jitla' fis-sular ta' fuq fejn konna qeghdin ahna." (Sottolinjar tal-Qorti)

Hawn il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-brani mid-deposizzjoni tal-imputat Joseph Mizzi li inter alia, fis-Seduta tal-20 ta' Gunju, 2011, qal:

"In kwantu l-ftehim li kelli mal-kuntrattur u mal-Perit rigwardanti s-sigurta fuq ix-xoghol dwar dina l-kostruzzjoni partikulari li semmejt, stante li jiena ma kelli l-ebda esperjenza f'dan il-qasam irrangajt flimkien mal-Perit u l-bennej biex niltaqghu flimkien, nifthemu fuq il-prezzijiet, nixtieq nghid wiehed mill-iktar fatturi li saret enfasi fuqha u dana wkoll anke l-Perit Mifsud ghamel enfasi fuq dan il-punt kienet dwar is-sigurta waqt il-bini ta' dana il-kostruzzjoni.

Nixtieq nghid illi r-responsabilta tas-sigurta hadha kollha l-bennej ghaliex hu biss kien sejjer juzaha l-aprti ta' fuq li kellu jigi mibni, fil-fatt cavetta tal-font kelli jiena biss u l-bennej u ma seta' jidhol hadd." ".........." "Nighid dina l-

parti minn fejn kien waqa' l-Perit nghid illi l-Perit assolutament ma kellux ghalfejn imur hemm hekk ghaliex din ma kien ser isir l-ebda xoghol fiha. Fil-fatt dik il-parti minn fejn kien waqa' l-Perit kienet diga lesta kompletament qabel ma beda x-xoghol." (Sottolinjar tal-Qorti)

F'dan l-istadju l-Qorti sejra taghmel referenza ghall-bran mid-deposizzjoni tal-Perit Arkitett Philip Mifsud li fis-Seduta tal-20 ta' Gunju, 2011 inter alia, qal:

"Qieghed naghmel referenza ghal klawsola numru tnax (12) ta' dan id-dokumetn li ghadni kemm ghamitl referenz ghalih fejn il-kuntrattu fost affarijiet ohra ried ukoll jassigura s-sigurta fuq is-sit. Nixtieq nghid bit-terminu sigurta uzata f'dan il-ftehim jiena fil-fhema tieghi u din kienet l-intenzjoni illi tintuza l-kelma sigurta hija l-ewwel illi jkun hemm sigurta ghal istess kuntrattur u ghall-impjegati li jkunu qeghdin jahdmu fuq il-lant tax-xoghol, sigurta ghal min jista jidhol fuq il-post tal-kostruzzjoni kif ukoll sigurta fis-sens illi ma jkunx hemm permess ta' dhul ta' persuni li ma jkunux awtorizzati. Nghid li hija prassi normali taghna illi qabel ma jkun iffirmat il-ftehim ahna nispjegaw il-kontentu b'mod iktar wiesgha tal-kundizzjonijiet li jkun hemm fil-ftehim." (Sottolinjar tal-Qorti)

Issir ukoll referenza ghal bran mid-deposizzjoni ta' Joseph Bonnici li fis-Seduta tal-21 ta' Frar, 2011, inter alia, qal:

".......... sibt lir-ragel tat-tifla u ghidtlu Joe mela hallejt il-bieb miftuh ghax waqa' ragel ghal isfel. U dana qalli mela l-Perit ghax inzilt niftahlu, saffarli. Nghid dana sehh f' affari ta' ftit hin. Jiena niftakar li l-karozza tal-Perit kienet ghadha startjata. Il-perit kien gie f' dan il-fond kemm –il darba qabel." (Sottolinjar tal-Qorti)

F'dan l-istadju l-Qorti sejra ticcita brani mid-deposizzjoni ta' Joseph Sammut fejn dan ix-xhud fis-Seduta tad-9 ta' Mejju, 2008, inter alia, qal:

".........." "Il-Perit naf li jismu Conrad. Jiena nzilt niftahlu. X' hin ftahtlu dan qalli li hu dakinhar kien mghaggel u ma

setax iduma hafna. Il-perit tela’ jigri it-tarag ......." ".........." "U dakinhar il-Perit kien gie u kien mghaggel. Missier il-mara meta qalli jekk hallejtx il-bieb miftuh jew maghluq, kien qed jirreferi ghal bieb t’ isfel. Dana fis-sens li ahna l-bieb ta’ l-entratura dejjem inzommuh maghluq biex ma jkun jista’ jitla’ hadd." (Sottolinjar tal-Qorti)

In kontro ezami l-istess xhud, fl-istess Seduta, inter alia, qal:

"Nghid il-bieb ta’ barra li jiena ftaht biex jidhol il-Perit kien ikun mizmum maghluq, bic-cavetta b’ serratura minn gewwa." (Sottolinjar tal-Qorti)

Fid-dawl tas-suespost essenzjalment jemergi illi l-Perit Konrad Bezzina fid-data tal-incident kien mghaggel u sa halla l-karozza startjata. Inoltre probabilment bi zball, sforz l-ghagla li kellu, flok hu baqa' diehel gewwa, hu lewa' immedjatament wara li hareg mit-tromba tat-tarag. L-istess Perit ma kellux ghalfejn jaccedi fil-parti li fiha waqa. L-imputat, li mhux persuna b'mestier fil-kostruzzjoni, kien taha struzzjonijiet lill-kuntrattur u l-haddiema biex huma jaghlqu bil-firroll fis-sit ai  fini ta' sigurta'.

Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat Joseph Mizzi ghamel dak kollu rikjest mill-ligi u ghalhekk tiddikjara lill-istess imputat Joseph Mizzi mhux hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu  u minnhom tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------